



Brussell, 13 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14906/1/21
REV 1

JAI 1400
FIN 973
FRONT 439
COMIX 626

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Novembru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11510/2/21 REV 2	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "L-appoġġ li l-Frontex tagħti lill-ġestjoni tal-fruntieri esterni: mhuwiex suffiċjentement effettiv sal-ġurnata tal-lum" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Novembru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "L-appoġġ li l-Frontex tagħti lill-ġestjoni tal-fruntieri esterni: mhuwiex suffiċjentement effettiv sal-ġurnata tal-lum", approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-3822 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Novembru 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

Ir-Rapport Speċjali Nru 08/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "L-appoġġ li l-Frontex tagħti lill-ġestjoni tal-fruntieri esterni: mhuwiex suffiċjentement effettiv sal-ġurnata tal-lum"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIRRINGRAZZJA l-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru 08/2021 "L-appoġġ li l-Frontex tagħti lill-ġestjoni tal-fruntieri esterni: mhuwiex suffiċjentement effettiv sal-ġurnata tal-lum";
2. JIEĦU NOTA SEW tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali, li jinkludu l-attivitajiet tal-Frontex fil-perijodu minn tmien l-2016 sa Frar 2020.
3. IQIS ir-Rapport Speċjali bħala kontribut utli għar-riflessjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni dwar kif tista' tittejjeb l-effiċjenza tal-appoġġ tal-Frontex għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni, peress li jiffoka fuq il-mandat fir-rigward tar-Regolament (UE) 2016/1624;
4. JIRRIKONOXXI b'mod partikolari l-importanza li:
 - jitjieb il-qafas għall-iskambju ta' informazzjoni u l-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea;
 - jiġi aġġornat u implimentat il-mudell integrat komuni għall-analiżi tar-riskju u l-aċċess sigur għal sorsi oħra ta' informazzjoni;
 - jiġi żviluppat il-potenzjal tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà;
 - jitjieb ir-rispons operazzjonali tal-Frontex; kif ukoll
 - jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-mandat il-ġdid tal-Frontex.
5. JISTIEDEN lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex iżżomm lill-Kunsill infurmat dwar rapporti tal-awditjar futuri dwar l-istess kwistjoni.